MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 524/2003

**Justin Borg**

**vs**

**Public Cleaners Co-Operative Limited**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba ta' l-attur ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u mitt lira Maltin (Lm2,100) jew somma verjuri li tigi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti, rapprezentanti in kwantu ghal elf u mitejn Lira Maltin (Lm1,200) bhala paga dovuta lill-attur ghall-perijodu ta' xahrejn, u in kwantu ghal disa' mitt lira Maltin (Lm900) rapprezentanti spejjez inkorsi mill-attur sabiex isir *dumping* ta' materjal fil-Maghtab, u dan fuq struzzjonijiet tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra s-saocjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi s-socjeta' konvenuta baqghet kontumaci

Semghet ix-xhieda ta' Justin Borg.

Fil-kontumacja tas-socejta' konvenuta u billi l-Qorti hi sodisfatta li l-attur ghandu ragun fit-talba tieghu;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------